# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 ta' Frar 2024**

**Rikors numru 195/2024/1**

**Il-Konsulent Radjologu Dr Kenneth Saliba (KI 419772M)**
**vs.**
**L-Onorevoli Ministru għas-Saħħa u Anzjanita Attiva;**
**Id-Direttur Ġenerali (People Management)**
**Ic-Chairperson tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-Konsulent Radjologu Dr Kenneth Saliba preżentat iżjed kmieni illum stess;

Rat ir-risposta taċ-Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku datata 5 ta' Frar 2024;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar 2024 fejn deher ukoll Dr. Christian Ellul f'isem l-Avukat tal-Istat u li saħaq illi għalkemm ir-rikors bit-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kellu jiġi notifikat ukoll lill-Avukat tal-Istat fit-termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap 12, irriżulta li din in-notifika ma saretx. Minħabba f'hekk huwa tenna li kwalunkwe terminu impost mill-Qorti għal tweġiba fil-konfront tal-Avukat tal-Istat kien għadu ma bediex jiddekorri fil-konfront tiegħu.

Rat ukoll li din il-Qorti osservat illi r-rikors ġie notifikat lill-intimati kollha fit-2 ta' Frar 2024 - ossija dakinhar stess ta' meta ġie intavolat ir-rikors – u minkejja li l-intimati kellhom assistenza legali *in house* indipendentement mis-servizzi li l-Avukat tal-Istat, u minkejja li l-Qorti appuntat dan ir-rikors għas-smiegħ b'taqsir tat-termini minħabba li kien ta' natura urġenti kif imsemmi fid-digriet tal-appuntament tagħha - l-Onorevoli Ministru għas-Saħħa u Anzjanita Attiva u d-Direttur Ġenerali (People Management) dawn baqgħu la dehru u l-anqas wieġbu għat-talba. Kien għalhekk li fid-dawl ta' kif żvolġew il-fatti sa dak l-istadju, il-partijiet kienu qablu li filwaqt li l-istess mandat jiġi milqugħ proviżorjament fit-termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap 12, mill-banda l-oħra sabiex ikun possibbli li l-istess rikors jiġi trattat *funditus*, l-Avukat tal-Istat u lill-kumplament tal-intimati li llum ma dehrux u li ma preżentaw ebda risposta, kellhom jingħataw żmien ulterjuri biex iwieġbu għat-talba. Fil-fatt il-Qorti kkonċeditilhom żmien ulterjuri għar-risposta sat-12 ta' Frar 2024 b'dan illi kwalunkwe risposta eventwali tagħhom għandha tiġi notifikata lill-kontroparti, inkluż b'mezzi elettroniċi.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanita Attiva kif ukoll tad-Direttur Ġenerali (People Management) preżentata fit-12 ta' Frar 2024;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-intimati fis-sensi tal-artikolu 873(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lix-xhieda mressqa mill-partijiet u x-xiehda tal-istess rikorrent;

Semgħet is-sottomissjonijiet estensivi tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Settembru, 2023, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

**Ikkunsidrat:**

1. L-iskop wara l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun, li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat b' mod għalhekk li jiġu mħarsa b'mod prattiku u effettiv il-jeddijiet reklamati mir-rikorrent pendenti d-

determinazzjoni ġudizzjarja tagħhom. Il-ġurisprudenza teħtieġ li r-rikorrent juri kemm li jkollu l-fumus boni iuris, kif ukoll il-periculum in mora.

2. Il-ħruġ ta' dan il-mandat isir biss fejn ir-rikorrent juri:

   (a) li jkun hemm **<u>il-ħtieġa</u>** tiegħu, in kwantu n-nuqqas ta' tqegħid fis-seħħ ta' dik il-miżura inibittiva mitluba minnu jew id-dewmien fil-ħruġ tagħha, jwassal għall-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jeddijiet reklamati mir-rikorrent. Il-**<u>ħtieġa</u>** tal-ħruġ tal-mandat timplika li l-preġudizzju soffert mir-rikorrent f'każ li l-mandat ma jinħariġx ikun reali. B'hekk is-sempliċi biża, suspett, skumdita, inkonvenjent jew diffikultà fuq ir-rikorrent ma humiex meqjusa biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat; kif ukoll:

   (b) li dak il-jedd pretiż mir-rikorrent ikun - oġġettivament u fil-każ konkret - mal-ewwel daqqa t'għajn, verament jeżisti favur tiegħu. F'termini ġuridiċi, ir-rikorrent irid sommarjament jipprova li f'dak il-każ partikolari jkunu jeżistu l-elementi ta' fatt u dritt reklamati minnu sal-grad prima faciae.

3. Il-Qorti li tanlizza din it-talba ma għandhiex, u ma tistax, tużurpa r-rwol tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni billi tistħarreġ l-provi fil-meritu dwar l-eżistenza, validità, saħħa jew limiti tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. Il-Qorti tiddeċiedi tali talba biss b'mod sommarju wara li tkun tagħt ħarsa lejn dak li jgħidu l-partijiet fiż-żmien qasir stabbilit mill-Liġi.

4. Dan il-mandat jinħareġ biss jekk tiġi stabbilita l-eżistenza tar-rekwiżiti tiegħu kollha. Fil-każ fejn xi wieħed jew iżjed minn dawk ir-rekwiżiti jkunu nieqsa, il-Qorti ma tistax toħroġ dan il-mandat.

5. F'dan is-sens il-ġurisprudenza tgħallem li dan il-mandat huwa miżura straordinarja, t'interpretazzjoni stretta, kif ukoll jikkostitwixxi l-eċċezzjoni aktar milli r-regola.

6. Imbagħad fil-każijiet fejn it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ssir kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' dan il-mandat jiżdiedu b'żewġ rekwiżiti oħra li wkoll iridu jiġu kumulattivament sodisfatti, u li huma:

(c) Li l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat tikkonferma fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir; u

(d) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma. In partikolari, ġie soffermat li f'każ ta' talbiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-każ ta' persuni li jaqgħu fl-ambitu tal-artikolu 873 tal-Kap 12, il-kriterju determinanti mhux illi mingħajr il-ħruġ ta' dak il-mandat il-jedd tar-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli iżda dak li huwa essenzjali huwa l-kriterju tal-**<u>proporzjonalita'</u>** fil-preġudizzju għall-fini ta' qies għall-ħruġ tal- mandat.[1]

7. Allura f'dan il-każ, ikun jista' jiġi maħruġ il-mandat ta' inibizzjoni biss jekk jiġu kumulattivament sodisfatti dawn l-erba' rekwiżiti:

   (a) Il-ħtieġa li jinħareġ dan il-mandat biex jitħarsu effettivament il-jeddijiet reklamati tar-rikorrent ossija l-periculum in mora;
   (b) Li r-rikorrent għandu l-fumus boni iuris, ossija li juri sal-grad prima faciae l-elementi ta' fatt u ta' dritt reklamati minnu;
   (c) Li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq;
   (d) Li l-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrent ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.

**Ikkunsidrat:**

8. Matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-intimati qajmu diversi oġġezzjonijiet għall-ħruġ ta' dan il-mandat. L-iżjed saljenti huma s-segwenti.

9. L-intimati jsostnu li t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat kienet eżawrita in kwantu t-talba kif formulata kienet tgħid li l-esponent ried iżomm lill-intimati milli jsiru intervisti għall-kariga ta' Clinical Chairperson fil-Medical Imaging Department tal-Isptar Mater Dei nhar it-Tlieta sitta ta' Frar elfejn u erbgħa u għoxrin fid-disgħa u kwart ta' filgħodu fl-isptar Mater Dei - u li allura ġaladarba l-mandat ġie

[1] Ara f'dan is-sens id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta f' **Jeffrey Farrugia vs. Kummissarju tal-Artijiet et**, dekretat fit-18 ta' Frar 2013.

milqugħ provvizorjament u l-intervisti f'dik id-data u ħin ma sarux allura l-meritu tal-mandat ġie eżawrit u ma kienx hemm lok li jiġi milqugħ definittivament in kwantu l-event li l-mandat kien qiegħed jipprova jwaqqaf, fil-fatt ġie mwaqqaf u li allura ma għad fadal xejn iżjed x'jitwaqqaf.

10. F'dan il-każ, kif saret it-talba, din il-Qorti kienet pronta innotifikat lil kull parti involuta immedjatament dakinhar li saret it-talba. Filwaqt li appuntat seduta għall-5 ta' Frar 2024 – iġifieri jum qabel ma kellhom isiru dawn l-intervisti - hija ma kienetx laqgħet it-talba tar-rikorrent provizorjament għax riedet qabel xejn tisma' x'kellhom igħidu l-intimati sabiex jekk l-opposizzjoni tagħhom kienet tkun meritevoli, ma kienetx twaqqaf l-intervisti. Iżda ġara li għalkemm l-intimati kienu notifikati, ħlief għall-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, huma ma daħlux risposta kif kien ordnat lilhom sa qabel is-seduta tal-5 ta' Frar 2024.

11. Matul dik is-seduta l-Avukat tal-Istat argumenta li huwa ma kienx ġie notifikat bit-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat tal-inibizzjoni; iżda l-intimati l-Onorevoli Ministru għas-Saħħa u Anzjanita Attiva u d-Direttur Ġenerali (People Management) għalkemm notifikati, xorta waħda ma daħlux risposta fiż-żmien konċess lilhom. Meta l-Abbli rappreżentant għall-Uffiċju tal-Avukat tal-Istat deher fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 kien sar qbil li jingħataw żmien biex iresqu t-tweġiba tagħhom, iżda fil-frattemp il-mandat jiġi milqugħ provizorjament. B'hekk verament ġara li d-data u l-ħin imsemmija fir-rikors ġew maqbuża u l-intervisti ma sarux dakinhar.

12. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li ma għadx hemm skop li din it-talba tiġi mistħarġa. Verament li dik id-data u ħin imsemmija fir-rikors għaddew; iżda jirriżulta mix-xiehda tax-xhud is-Sinjura Mahoney li d-Dipartiment tas-Saħħa kien kommess li jkompli għaddej b'dawn l-intervisti f'data u ħin oħra. Irriżulta wkoll li dawn l-intervisti kienet skedati li jsiru mill-istess Membri tal-Bord tal-Għażla li kienu ġja maħtura għal dakinhar.

13. Din il-Qorti tqis li l-enfażi trid issir fuq is-sustanza tat-talba in kwantu li, jekk jeżisti, is-sors tal-preġudizzju reali skont kif reklamat mir-rikorrent ma jiskadix mas-sempliċi dekors ta' data u ħin partikolari. Il-punt fokali ta' din it-talba tar-rikorrent mhix sempliċiment marbuta ma dawk l-intervisti li setgħu isiru fid-data, ħin

u lok imsemmija fir-rikors, iżda li jsiru dawk l-intervisti – isiru meta jsiru – minn dak il-Bord tal-Għażla u fl-isfond ċirkostanzjali li jiċċirkondawh u li ġew ampjament dokumentati mill-partijiet f'dan il-każ.

14. Jekk ir-rikorrent jissodisfa r-rekwiżiti imsemmija iżjed il-fuq u l-mandat de quo ma jiġix maħruġ, il-preġudizzju li jsofri r-rikorrent ikun seħħ indipendentement mill-fatt li huwa inkluda data u ħin speċifiċi. L-ilment tar-rikorrent huwa marbuta maż-żamma tal-intervisti de quo fil-kuntest lamentat minnu – isiru meta jsiru. Dik fil-fatt hija s-sustanza tat-talba tar-rikorrent. Għalhekk dan l-ilment tal-intimati mhux qiegħed jiġi milqugħ.

15. Ġie argumentat ukoll li din il-proċedura hija waħda eċċezzjonali, li r-rikorrent kellu rimedji oħra disponibbli għalih - kif fil-fatt huwa għamel diġa; kellu toroq oħra ordinarji li huwa setgħa jesplora biex ikollu rimedju effettiv minflok ma jirrikorri għal dan il-metodu eċċezzjonali b'talba għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni. Għalkemm dan huwa minnu, huwa veru wkoll li l-Liġi ma tirrestrinġix lir-rikorrent fl-għażla tar-rimedji li wieħed jista' jirrikorri għalihom f'dan il-każ. L-importanti huwa li r-rikorrent jirnexxielu jipprova l-eżistenza tar-rekwiżiti tal-mandat. F'każ affermattiv, allura l-mandat jinħareġ. F'każ li ma jirnexxielux, allura l-mandat ma jinħariġx.

16. Il-Kummissjoni intimata ssostni li hija ma kellhiex tiġi imħarka f'dan il-każ in kwantu hija ma niediet ebda proċess ta' għażla jew kellha involviment f'xi ħatra ta' membri fil-Bord tal-Għażla. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċedura għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet **Malcolm Vella vs. Ministeru għas-Saħħa; Segretarju Permanenti għall-Ministeru għas-Saħħa; Direttur-Ġenerali (People Management); u l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku** deċiż nhar it-22 ta' Settembru 2023:

> Tqis li safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tirrigwarda lill-Kummissjoni intimata, u minħabba l-kjarifika li hija għamlet li dwar din is-sejħa ma kellha l-ebda sehem u lanqas ma għandha sehem f'każ li tinħareġ xi sejħa oħra li r-rikorrent irid iżomm, dan ir-rekwiżit għall-ħruġ tal-Mandat ma huwiex sodisfatt. Il-Kummissjoni ma hijiex f'qagħda li tiddikjara li kienet imdaħħla jew għandha l-ħsieb li tniedi sejħa għall-mili tal-kariga, ladarba s-setgħa għal sejħa bħal dik tinsab delegata lis-Segretarju Permanenti intimata

17. Anke f'dan il-każ l-intimati jargumentaw li kien hemm fis-seħħ din id-delega lis-Segretarju Permanenti. Fil-fatt juru wkoll li s-sejħa interna pubblikata fil-5 ta' Mejju 2023 għall-post ta' Clinical Chairperson fil-Medical Imaging Department fl-Isptar Mater Dei kienet magħmula mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa. Kien is-Segretarju Permanenti li ħatar dan il-Bord tal-Għażla li kellu jżomm l-intervisti relattivi għall-kandidati applikanti.

18. F'dan is-sens allura l-argument imressaq fil-proċedura **Malcolm Vella vs. Ministeru għas-Saħħa** isib ukoll l-applikazzjoni tiegħu hawnhekk għall-fini ta' din il-proċedura in kwantu ma ntweriex li l-Kummissjoni kellha xi sehem fis-sejħiet għall-intervisti jew fit-twettieq tal-għażla tal-membri tal-Bord tal-Għażla.

19. Huwa minnu li l-Kummissjoni intimata kienet involuta f'parti minn dan il-proċess. Fil-fatt anke wara li r-rikorrent kien għamel il-petizzjoni lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku bl-ilment tiegħu minħabba l-komposizzjoni tal-Bord tal-Għażla preċedenti, u din il-Kummissjoni tat rimedju fis-sens li kellhom jinħatru Chairperson u membri oħra li "have not been involved and were not made aware of any content of the fact finding board statements and/or conclusions and also of the letter dated 1 August 2023 issued by the Chief Executive Officer, Mater Dei Hospital". Iżda anke l-għażla għall-Bord il-ġdid kienet magħmula - skont ir-risposta tal-Onorevoli Ministru għas-Saħħa u Anzjanita Attiva u tad-Direttur Ġenerali (People Management) "mill-esponenti" – iġifieri minnhom..

20. Dan allura jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li, għall-fini ta' din il-proċedura, it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat ma tistax tintlaqa' safejn magħmula kontra l-intimata Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

21. Mill-banda l-oħra, kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-intimati l-oħra, l-Onorevoli Ministru għas-Saħħa u Anzjanita Attiva u tad-Direttur Ġenerali (People Management), l-element fejn ikun dikjarat mill-awtorità li tkun li l-għemil li l-Mandat irid iwaqqaf kien hemm il-ħsieb li jitwettaq, f'dan il-każ jinsab sodisfatt. Jirriżulta pruvat mix-xiehda tax-xhud, is-Sinjura Mahoney, li l-intenzjoni ta' dawn l-intimati hija kjarament li dawn l-intervisti jsiru – f'dati oħra fil-ġejjieni u quddiem il-Bord tal-Għażla li ġie kostitwit wara l-imsemmi ilment tar-rikorrent quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

22. F’dan il-każ irriżulta li r-rikorrent huwa wieħed mill-kandidati li ssottomettew l-interess tagħhom li jiġu kunsidrati fil-kariga ta’ Clinical Chairperson fil-Medical Imaging Department fl-Isptar Mater Dei. Dil-Qorti fehmet li r-rikorrent għadu interessat li jipparteċipa fl-intervista li għandha ssir quddiem Bord tal-Għażla in segwitu għas-sejħa għal applikazzjonijiet għal dak il-post li kienet ħarġet fil-5 ta’ Mejju 2023. Biss jixtieq jipparteċipa quddiem Bord tal-Għażla li jkun indipendenti u imparzjali, u mhux minn Bord li membru jew membri tiegħu b’xi mod kienu ġew imniġsa b’informazzjoni żbaljata u skorretta fil-konfront tiegħu u li kienet ġiet ċirkolata qabel. Fil-fatt fi proċeduri ġudizzjarji separati r-rikorrent kien qiegħed, inter alia, jitlob sabiex żewġ ittri partikolari jiġu sfilzati mill-file personali tiegħu.

23. Mill-banda l-oħra l-intimati saħqu li qabel dil-proċedura, l-Bord tal-Għażla kien diġa ġie mibdul b’ordni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku biex jiġi assikurat li ma jkun hemm ebda preġudizzju kontra r-rikorrent. Inoltre, intrabtu wkoll li la l-file personali tar-rikorrent u wisq anqas l-ittri msemmija mir-rikorrent ma kienu se jkunu disponibbli lil Membri tal-Bord tal-Għażla. L-intimati tennew li l-biża li wera r-rikorrent kienet biss waħda ipotetika u ma kienetx reali; filwaqt li sostnew li huma għamlu li setgħu biex dawn il-biżat jiġu konkretament indirizzati u rimedjati. B’hekk isostnu li ma kienx hemm il-presupposti għall-ħruġ ta’ dan il-mandat.

24. Kif intqal fil-proċedura **Malcolm Vella** iżjed il-fuq imsemmija:

> Tqis, fuq kollox, li t-tfittxija tal-jedd mad-daqqa t’għajn trid issir b’mod pożittiv fl-identifikazzjoni ta’ jedd li l-parti rikorrenti tista’ tinvoka b’azzjoni u li tista’ tinforza kontra l-parti intimata, u mhux sempliċement billi tressaq ’il quddiem il-konsegwenzi negativi li jistgħu jinħalqu li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax;

25. Huwa minnu dak li tisħaq il-Kummissjoni intimata fir-risposta tagħha fis-sens li l-fatt li r-rikorrent kien wieħed mill-kandidati li applika għas-sejħa dan ma kienx jagħtih xi jedd awtomatiku li jkun hu li jintagħżel; u li skont id-digriet fl-ismijiet Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs. Il-Ministru tal-Intern u Ġustizzja et (rikors numru 1804/2008/1 JRM) deċiż fil-15 ta’ Diċembru 2008:

**ix-xewqa li wieħed jingħata promozzjoni ma tissarrafx f'jedd li jiksibha. <u>Iżda l-jedd huwa dak li jieħu sehem fi proċess tal-għażla li jitmexxa kif imiss</u>.**[2]

26. Huwa preċiżament dan li r-rikorrent qiegħed jisħaq dwaru. Ebda kandidat quddiem Bord ta' Għażla taa għażla ma għandu xi jedd jippretendi li jiġi magħżul hu għall-post diżenjat. Iżda huwa żgur li kull kandidat quddiem Bord ta' Għażla **<u>għandu l-jedd</u>** li jkollu proċess ta' għażla li jkun safi u ġust, immexxi minn Bord ta' Għażla fejn il-Membri kollha tiegħu ikunu imparzjali billi bl-ebda mod ma jkunu b'xi mod, qabel jew waqt il-proċess, ġew kostretti jirċievu informazzjoni fuq xi wieħed mill-kandidati u liema informazzjoni tkun tista' tista' tniġġes dan il-proċess, billi jinħoloq preġudizzju jew anke s-sembjanza tiegħu, b'mod li allura xi wieħed mill-kandidati jispiċċa li jkun beda bi żvantaġġ minn qabel ma jkun għamel l-intervista tiegħu.

27. Membri fuq Bord ta' Għażla jieħdu deċiżjonijiet importanti ħafna fuq il-karriera professjonali tal-kandidati. Effettivament il-Membri jservu ta' Imħalfin speċjali biss u limitatament għall-fini ta' dik l-għażla partikolari li tkun rimessa għall-ġudizzju tagħhom. Għalkemm ma jistgħux jiġu mqabbla ma Imħalfin togati, huma xorta waħda għandhom ikunu f'qagħda li joffru garanziji bażiċi ta' imparzjalita fl-għażliet li jagħmlu. F'dan is-sens allura kull kandidat irid ikun f'qagħda li jkollu fiduċja fil-ġudizzju tagħhom – kemm jekk huwa jiġi magħżul kif ukoll jekk le. Il-membri tal-Bord tal-Għażla kollha jridu jkunu f'qagħda li joffru dawk il-garanziji bażiċi ta' imparzjalita kemm fuq livell soġġettiv kif ukoll fuq livell oġġettiv.

28. L-element soġġettiv allura jistrieħ fuq il-konvinzjoni partikolari u individwali ta' kull Membru tal-Bord tal-Għażla fir-rigward tal-kriterji applikabbli għall-kull kandidat speċifiku. L-element oġġettiv imbagħad jistrieħ fuq l-aċċertament jekk kull Membru tal-Bord tal-Għażla jkunx f'qagħda li joffri dawk il-garanziji bażiċi ta' fiduċja u kunfidenza li jeskludu kwalunkwe dubju leġittimu dwar l-imparzjalita tiegħu fiċ-ċirkostanzi tal-każ. In kwantu għandu x'jaqsam ma dan il-kriterju oġġettiv, irid jiġi determinat jekk – f'kull każ konkret u f'din l-istanza –fuq bażi prima faciae – li, apparti **<u>mill-imġieba ta' kull Membru personalment</u>**, ikunx hemm fatti aċċertabbli li jistgħu jagħtu lok għal dubju dwar l-imparzjalita ta' dak il-Membru jew Membri

[2] Enfażi miżjuda mill-Qorti.

partikolari. Anke f'dan il-qasam, l-apparenza għandha ċerta importanza in kwantu dak li jkun in ballo hawnhekk mhux biss ir-reputazzjoni tal-Bord tal-Għażla innifsu u tal-Membri kollha li jikkomponuh, iżda wkoll il-fiduċja pubblika riposta fir-riżultat ta' dik l-għażla, fl-għażla tal-kandidat li jkun sejjer jokkupa kariga daqshekk sensittiva għas-settur tas-saħħa pubblika. Huwa għalhekk ukoll li, jekk ikun hemm fatti oġġettivi li in bażi tagħhom kandidat ikollu raġun jitħasseb fuq ir-rekwiżit tal-imparzjalita ta' Membru jew Membri tal-Bord ta' Għażla, allura imbagħad il-kandidat partikolari jkun jista' jinvoka favur tiegħu il-protezzjoni ta' dan il-mandat.

29. Dan huwa kamp professjonali verament delikat fejn ir-reputazzjoni tal-professjonist tilgħab logħba kruċjali. Il-mument li xi ħadd jagħżel li, per eżempju, jxandar aħbarijiet skorretti jew foloz fuq xi kandidat, b'xorti ħażina, xi ħaġa minn dak it-tajn li jkun twaddab, jibqa' in kwantu ħadd ma għandu xi lega teflon li jiżloq kollox minn fuqha. Il-mument li informazzjoni żbaljata, skorretta jew falza tiġi mxandra jew ċirkolata, il-ħsara tkun saret. It-tajn ladarba twaddab, xi marka jħalli. Każun darba jixxaqqaq. Il-fiduċja, darba tintilef. Iż-żerriegħa tad-dubju, darba miżrugħa, xi għerq dejjem tnibbet.

30. F'dan il-każ, ir-rikorrent produċa evidenza prima facie li turi li qabel ma tnieda l-proċess tal-għażla, fl-isfond ta' kontroversja li bdiet tiċċirkola bejn l-Uffiċjali Mediċi fil-Medical Imaging Department, kien hemm konsulent partikolari li mhux biss kien sar jaf b'azzjoni li kienet ġiet imnedija fil-konfront tar-rikorrent in segwitu għall-ittra tas-7 t'Ottubru 2022; iżda li kif juri Dok KS8, fl-10 t'Ottubru 2022 dan il-konsulent kien saħansitra beda jiċċirkola tramite messaġġi What's App aħbarijiet dwar ir-rikorrent, b'uħud minnhom, bi stqarrija tal-istess intimati, wara rriżultaw li ma kienux minnhom.

31. Din il-persuna kienet kitbet li lir-rikorrent "tajruħ termporanjament – hemm inkjesta għaddejja – sakemm titlesta do note take any direct from him."

32. Agħar minn hekk iżjed tard matul dik l-istess ġurnata, bagħat messaġġ ieħor li kien igħid: "Sending this to all heads"; u ieħor immedjatament warajħ u fl-istess ħin – 10:24 - li kien jaqra hekk:

**FYI – KS is no longer chair – he has been made to resign temporarily since there is an ongoing inquiry. So please do note take any direction from him, Thanks.**

33. Irriżulta li din il-persuna kienet waħda minn dawk l-Uffiċjali tal-Medical Imaging Department li l-azzjoni tagħhom waslet għall-eventwali ħruġ taż-żewġt ittri tas-7 t'Ottubru 2022 u l-oħra tal-1 t'Awissu 2023 fir-rigward tar-rikorrent. Irriżulta wkoll li huwa kien wieħed minn dawk il-persuni li kien mgħarraf bir-riżultat tal-Fact Finding Mission li kienet seħħet wara l-ittra tas-7 t'Ottubru 2022. Għalkemm l-intimati jikkontendu li din il-persuna kienet intitolata li tirċievi informazzjoni dwar l-eżitu ta' dik il-Fact Finding Mission in kwantu kienet waħda minn dawk li kienu instigawha fl-ewwel lok, jirriżulta li l-azzjoni ta' dik il-persuna ma kienetx biss tieqaf hemm.

34. Kif intwera, dik il-persuna tat bidu għal sensiela ta' komunikazzjonijiet u messaġġi – mhux wara l-ħruġ tar-riżultanzi tal-Fact Finding Mission iżda sa mill-bidu nett. L-azzjoni tagħha rriżultat li kompliet tikkumplika dan il-proċess mingħajr ħtieġa. Apparti li l-eżitu ta' dan il-Fact Finding Mission ġie komunikat lil diversi Uffiċjali oħra fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa u l-Isptar Mater Dei – kif muri mill-ittra datata 1 t'Awissu 2023 – jirriżulta wkoll li b'xi mod aspetti saljenti ta' dak mistqarr fiha wkoll waslu għand persuni oħra.

35. Iżda l-problema għar-rikorrent kienet tmur iżjed lura minn hekk. Kif intwera iżjed il-fuq, wieħed mill-kwerelanti fl-ittra tas-7 t'Ottubru 2022 kien, bil-What's App messaging sysem tiegħu - fl-10 t'Ottubru 2022 bagħat jinforma lil kapijiet tad-dipartiment kollha tal-Isptar Mater Dei (huwa jsejħilhom "all heads") li :

(a) ir-rikorrent ma kienx iżjed Chair;
(b) u qalilhom li r-rikorrent kien imġiegħel jirriżenja temporanjament
(c) minħabba li kien suġġett għal investigazzjoni.

36. Issa minn dak li rriżulta fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-intimati jikkonċedu li t-terminu tac-Chairmanship tar-rikorrent ma kienx tiskadi f'Ottubru 2022 iżda kien jiġi fi tmiemu f'Ġunju 2023, iġifieri madwar **<u>tmin xhur wara</u>** li ntbagħtet l-ittra tas-7 t'Ottubru 2022 u wara li ntbagħtu dawk il-messaġġi What's App imsemmija.

37. Illi ġie mistqarr mill-istess intimati li r-rikorrent <u>ma kienx imġiegħel jirreżenja mill-kariga tiegħu</u> – għalkemm id-Dipartiment tas-Saħħa iddepotenzjah billi ma ħallewx iżjed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu ta' Clinical Chairperson sat-tmiem it-term tiegħu f'Ġunju 2023.

38. Inoltre l-intimati jikkonċedu wkoll li l-**<u>eżitu</u>** tal-Fact Finding Mission – li huma jargumentaw li ma kienetx investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrent – irriżulta li, tutto sommato, kien wieħed pożittiv għar-rikorrent fis-sens li l-ilmenti li ġew magħmula fil-konfront tiegħu prattikament sfumaw fix-xejn, għalkemm kienet saret kritika fil-konfront ta' ċerti aspetti tal-operat fil-Medical Imaging Department li r-rikorrent jisħaq li kienet ukoll ta' preġudizzju għalih – għal raġunijiet dettaljati minnu fil-premessi ta' dan ir-rikors.

39. Iżda fil-frattemp sa mill-10 t'Ottubru 2022, dawk l-aħbarijiet li allura rriżultaw foloz jew skorretti, kienu diġà ġew ċirkolati mhux biss lil kollegi tar-rikorrent fil-Medical Imaging Department tal-isptar Mater Dei, u Uffiċjali oħra fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa, iżda wkoll lil "all heads" tal-Isptar Mater Dei.

40. Dawn l-aħbarijiet foloz jew skorretti, kienu allura dak it-tajn li twaddab lejn ir-reputazzjoni professjonali tar-rikorrent. Dan it-tfiegħ ta' tajn irid jitqies u jinftiehem fil-kuntest żgħir, ristrett u ċirkoskritt tas-settur mediku f'Malta, fejn allura n-nies mhux biss iparlaw u jisparlaw, iżda wkoll fejn in-nies huma magħrufa.

41. Aggravanti f'dan il-każ huwa l-fatt li r-rikorrent wera prima faciae wkoll li dik il-persuna li xandret dawk l-aħbarijiet mal-kollegi u l-"all heads" irriżultat li kienet ukoll **<u>kandidat</u>** għal dawn l-intervisti u allura kompetitur dirett tar-rikorrent f'dan il-proċess selettiv.

42. Irriżulta prima faciae wkoll li wieħed mill-membri tal-Bord tal-Għażla huwa wieħed mill-Kapijiet tad-Dipartiment fl-Isptar Mater Dei u allura ġie prima faciae muri bħala wieħed minn dawk l-"all heads" imsemmija iżjed il-fuq.

43. Għalkemm din il-Qorti ma għandux għaliex ikollha dubju mill-integrita professjonali ta' Kap ta' Dipartiment fl-Isptar Mater Dei, mill-banda l-oħra ma tistax ma tqisx li l-provi prima faciae f'dan il-każ juru li din il-persuna kienet waħda minn dawk l-"all heads" li kienu reċipjenti tal-informazzjoni falza jew skorretta mxandra

preċedentement b'detriment għar-rikorrent. Dan il-Kap tad-Dipartiment ma għandux tort li setgħa rċieva din l-informazzjoni in kwantu huwa ma għandux kontroll fuq x'messaġġi jintbagħtulu minn terzi persuni. Iżda ġaladarba prima facie ġie muri li kien wieħed minn dawk il-persuni li kien reċipjent ta' informazzjoni falza jew skorretta fil-konfront tar-rikorrent li kien kandidat għal intervista li kienet sejra ssir quddiemu bħala wieħed mill-Membri tal-Bord tal-Għażla, qajla jista' jingħad li huwa issa jista' jissodisfa dak il-kriterju oġġettiv ta' imparzjalita li wieħed ikun jista' jistenna minn Membru tal-Bord tal-Għażla.

44. It-teżi tar-rikorrent li l-proċess tal-intervisti f'dan il-każ, bil-Bord kif kompost, jew kwalunkwe Bord ieħor li jkun kompost minn xi Membru jew Membri li b'xi mod setgħu kienu involuti f'din l-istorja, jew esposti għal xi informazzjoni skorretta jew falza fil-konfront tar-rikorrent kif imsemmi mir-rikorrent fir-rikors promotur u d-dokumenti annessi miegħu, ma jistgħux jagħtu serħan tal-moħħ li l-proċess tal-għażla f'dan il-każ jista' jkun wieħed safi u ġust li jiggarantixxi "level playing field" għar-rikorrent u għall-kandidati l-oħra.

45. Kwantu għat-test li l-Qorti trid tagħmel bejn il-preġudizzju li jista' jsofri r-rikorrent f'dan il-każ jekk il-mandat t'inibizzjoni ma jiġix maħruġ, meta mqabbel mal-preġudizzju li l-intimati jew terzi jsofru jekk jiġi maħruġ dan il-mandat, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li

(a) Kważi sa minn meta bdiet din il-kontroversja d-Dipartiment de quo kien, u għadu kapeġġjat minn Clinical Chairperson ad interim u għalhekk il-post mhux vakanti. B'hekk il-preġudizzju għall-pubbliku huwa wieħed limitat u kontenut.
(b) Kwantu għall-preġudizzju għal terzi persuni li ma humiex parti minn dan il-proċess ġudizzjarju, r-rikorrent wera prima faciae li f'dan il-każ it-tixrid tal-aħbarijiet skorretti jew foloz fil-konfront tiegħu kienet ġiet imxandra minn kandidat kompetitur tiegħu f'dan il-proċess tal-għażla. B'hekk fil-konfront tiegħu prima faciae tapplika wkoll il-massima ex turpi causa.

Għaldaqstant il-Qorti, fl-isfond ta' dak deċiż fil-paragrafu 20 imsemmi iżjed il-fuq, tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni billi żżomm lill-intimati Onorevoli Ministru għall-Saħħa u Anzjanita Attiva u d-Direttur

Ġenerali (People Management) milli jkomplu bi, jew jikkonduċu intervisti għall-kariga ta' Clinical Chairperson fil-Medical Imaging Department tal-Isptar Mater Dei bil-Bord tal-Għażla kif kompost, jew bi kwalunkwe Bord ta' Għażla ieħor, li jkun kompost minn Membru jew Membri li b'xi mod setgħu kienu involuti fi, infurmati bi, suġġetti għal, jew reċipjenti ta' dik l-informazzjoni kollha lamentata mir-rikorrent fir-rikors promotur u d-dokumenti annessi miegħu.

Spejjeż riżervati mal-ġudizzju finali fil-proċeduri ġudizzjarji eventwali.

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**